MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 612/2011

**Delta Container Services Co Ltd (C-24069)**
**Vs**
**Elevators DC Co Ltd (C45440)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta` attrici iddikjarat li l-istess kumpanija attrici garrew containers ghas-socjeta' konvenuta kif jidher mill- *Bill of Lading* u *Invoices* annessi mat-talba mmarkati Dok 'A', 'B', u 'C' fl-ammont elf, tmien mija, sitta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€1846.70). Is-socjeta konvenuta baghtet *cheque* iddatat 25 ta' Mejju, 2011 ghall-ammont dovut minnha, pero dan ic-*cheque* gie *referred to drawer.* Dan ic-*cheque* gie mehmuz mat-talba u mmarkata Dok 'D'.

Illi s-socjeta' attrici titolb lil dan it-Tribunal jogghbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallashom l-ammont ta'elf, tmien mija, sitta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€1846.70) flimkien mal-imghax relattiv u l-ispejjez tal-

prezenti u tal-ittra ufficjali tat- 28 ta' Gunju, 2011 li minn issa tinsab ingunta in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 3 ta' Novembru, 2011 mill-Avukat Carmelo Grima u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu lis-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-Socjeta` konvenuta mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------